# QORTI CIVILI PRIM`AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tnejn 30 ta` Novembru 2015**

**Kawza Nru. 9**
**Rik. Nru. 546/15 JZM**

**Domestica Limited (C2290)**

***kontra***

**TRC Family Entertainment Limited (C53076)**

**Il-Qorti :**

Rat illi ghar-ragunijiet li ndikat fir-rikors li pprezentat fil-5 ta` Gunju 2015, is-socjeta` rikorrenti talbet ix-xoljiment u l-istralc tal-kumpannija ntimata abbazi tal-Art 214(2)(b)(iii) tal-Kap 386.

Rat illi ghar-ragunijiet li ndikat fir-risposta li pprezentat fit-8 ta` Lulju 2015, is-socjeta` ntimata kkontestat il-fondatezza tat-talba tar-rikorrenti abbazi tal-Art 214(2)(b)(iii) tal-Kap 386. Fl-istess waqt is-socjeta` ntimata mputat illi jekk kellha tressaq talba tax-xorta li ghamlet ir-rikorrenti, din kellha ssir skond l-Art 214(2)(a)(ii) tal-Kap 386.

Rat illi fl-udjenza tal-15 ta` Settembru 2015, id-difensur talab illi b`zieda mat-talba ghax-xoljiment u l-istralc tas-socjeta` ntimata skond l-Art 214(2)(b)(iii) tal-Kap 386, tizdied talba skond l-Art 214(2)(a)(ii) u l-Art 214(5)(a) u (b) tal-Kap 386. Billi t-talba kienet opposta *seduta stante*, il-Qorti tat direzzjoni lis-socjeta` rikorrenti sabiex tiddeduci t-talba taghha permezz ta` rikors.

Rat illi s-socjeta` rikorrenti pprezentat ir-rikors taghha fl-24 ta` Settembru 2015. Ghal dan ir-rikors wiegbet is-socjeta` ntimata bir-risposta taghha tal-1 ta` Ottubru 2015 fejn sostniet l-opposizzjoni taghha ghat-talba.

**Ikkunsidrat :**

Illi l-**Art 175(1) tal-Kap 12** jaqra :-

*Il-qorti tista', f'kull waqt tal-kawża, qabel is-sentenza, wara talba ta' waħda mill-partijiet, wara li tisma' meta jeħtieġ lill-partijiet, tordna s-sostituzzjoni ta' xi att jew tippermetti tibdil fl-iskritturi, sew billi fihom jiżdied jew jitneħħa l-isem ta' waħda mill-partijiet u jitqiegħed ieħor floku, jew billi jissewwa żball fl-isem tal-partijiet jew fil-kwalità li fiha jidhru, jew billi jissewwa kull żball ieħor jew billi jiddaħħlu ħwejjeġ oħra ta' fatt jew ta' dritt ukoll permezz ta' nota separata,* ***sakemm sostituzzjoni jew tibdil bħal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fuq il-meritu tal-kawża.*** (enfasi u sottolinear tal-qorti).

Illi t-talba tar-rikorrenti tista` tigi mpostata fl-ambitu tal-Art 175(1). Li jrid jigi stabbilit huwa jekk is-sostituzzjoni jew tibdil rikjest mir-rikorrenti fil-kaz tal-lum ibiddilx **fis-sustanza** l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fuq il-meritu tal-kawża.

Illi fis-sentenza li tat fil-11 ta` Novembru 2011 fil-kawza "**Perit Arkitett Valerio Schembri vs Ir-Registratur tal-Qorti et**", il-Qorti tal-Appell qalet hekk dwar l-Art 175(1) tal-Kap 12 :-

*… is-setgha moghtija lill-Qorti hija wahda vasta u intiza sabiex jigu evitati certa eccezzjonijiet kif ukoll multiplicita` ta` kawzi. Din is-setgha izda hija suggetta ghal certu kontroll billi l-Qorti adita b`talba simili trid tassigura ruhha li s-ssostituzzjoni jew tibdil rikjest "ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq il-mertu". B`dan jidher li ma kenitx l-intenzjoni tal-legislatur li tinghata "carte blanche" lill-kontendenti billi dawn jistghu jbiddlu l-mertu tal-kawza bis-semplici sostituzzjoni jew tibdil rikjest.*

Illi meta tapplika dan l-insenjament ghall-fatti u cirkostanzi tal-kaz tal-lum, il-Qorti taghmel dawn l-osservazzjonijiet :-

1) Illi fil-kawza tal-lum, ir-rikorrenti qeghda titlob ix-xoljiment u l-istralc tas-socjeta` intimata. B`dak li qeghda titlob, l-azzjoni tar-rikorrenti sejra tibqa` l-istess u cioe` azzjoni ta` xoljiment u stralc ta` kumpannija.

2) Illi l-unika differenza sejra tkun illi filwaqt illi llum it-talba qeghda ssir abbazi tal-Art 214(2)(b)(iii) tal-Kap 386, bil-bidla rikjesta mir-rikorrenti, it-talba sejra tkun estiza ukoll ghall-Art 214(2)(a)(ii).

3) Illi l-bidla rikjesta mhijiex sejra tibdel is-sostanza tal-azzjoni ghaliex t-talba kienet ghal xoljiment u stralc ta` kumpannija u hekk sejra tibqa`.

4) Illi tant is-sustanza tal-azzjoni mhijiex sejra tinbidel illi il-prova kemm fil-kaz tal-Art 214(2)(b)(iii) kif ukoll tal-Art 214(2)(a)(ii) trid issir dejjem mir-rikorrenti u cioe` minn min qieghed jitlob ix-xoljiment u l-istralc, b`differenza wahda illi fil-kaz tal-Art 214(2)(b)(iii) fil-kaz li l-prova ssir kif trid il-ligi allura l-qorti tkun obbligata xxolji u tistralcja l-kumpannija, fil-kaz tal-Art 214(2)(a)(ii), anke jekk issib li l-kaz huwa ppruvat, tibqa` mpregudikata d-diskrezzjoni tal-Qorti jekk tordnax ix-xoljiment u stralc inkella le. Li allura jkompli jfisser li l-prova li trid taghmel is-socjeta` rikorrenti trid tkun tajba bizzejjed ghaz-zewg kazi mhux ghal cirkostanza wahda ad eskluzjoni tal-ohra.

5) Illi tajjeb jigi rilevat ukoll illi l-bidla proposta mir-rikorrenti mhijiex sejra tibdel is-sostanza tad-difiza tal-intimata fil-mertu propju ghaliex it-talba ghax-xoljiment u stralc skond l-Art 214(2)(b)(iii) hija kontestata. B`zieda ma` dan, li kieku ma kienx ghar-riliev li sar mill-intimata stess ghall-Art 214(2)(a)(ii) fl-ewwel eccezzjoni taghha, probabilment ma kenitx issir it-talba ghal bdil. Eppure b`ebda mod ma kienet skonvolta d-difiza tal-intimata ghall-azzjoni tar-rikorrenti.

**Ghalhekk kollox meqjus, din il-Qorti sejra tilqa` t-talba tar-rikorrenti kif dedotta fir-rikors taghha tal-24 ta` Settembru 2015, b`dan illi qeghda tordna n-notifika tar-rikors promotur kif mibdul lis-socjeta` intimata u taghtiha zmien ghoxrin (20) jum sabiex twiegeb bil-miktub ghar-rikors promotur kif mibdul wara dan il-provvediment.**

**L-ispejjez ta` dan il-provvediment jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**